# 259. Il-Muża tal-lum

X'inkwiet għandu llum Apollo,
ngħidlek għandu nkwiet kbir ferm,
għaliex sab waħda mill-Mużi
kienet għamlet xagħarha perm.

U mal-art irmiet il-ġwienaħ,
it-two pieces libset biss,
wiċċha żebgħet u dufrejha,
sigaretti tpejjep spiss.

U fettxilha ġewwa l-basket,
sabu mimli bil-pakketti
terra, rouge, lipstick u make-up,
sabu mimli sigaretti.

U sab ktieb, u b'għaġeb tiegħu
flok il-għana sab ġo fih
limericks u titbits baxxi,
stejjer psataż, modi sbieħ.

"Mhux ta' b'xejn moħħok imħawwad,
u kliemek ma jifhmu ħadd;
barra mur!" qalilha Apollo,
"U ġo dari tidħol qatt!"